KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 11

Il-ħdax il laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 26 ta' Awwissu 2013 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **SKUŻATA** | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Sejħa għall-impjegat/a ġdid/a*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 10_15/07/2013 għall-approvazzjoni.

1.2 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-proposta li kien hemm għamel dwar is-sellun li għandu jitwaħħal max-Chalet u ippropona li tiżdied il-frażi 'Kien hemm qbil dwar dan.'

1.3 Is-Sindku ppropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 10_15-07-2013 hekk kif korretti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 10_15/07/2013*

1.4 Is-Sindku ressaq għall-approvazjoni l-minuti tas-seduta 10_25-07- 2013. Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet li tiżdied il-kelma 'Exiles' qabel 'Water Polo Club'.

*Daħlu l-Kunsilliera P. Portelli u P. Radmilli fis-18.05*

1.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 2.5 u qal li l-Kunsill kien qal ukoll li jekk issir xi studju dan isir bi ħlas.

1.6 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 4.1 u qal li l-Kunsill kien speċifika li d-devoluzzjoni tkun ta' fejn se napplikaw għal *EU Funding* u mhux għal Ġnien Indipendenza biss.

1.7 Is-Sindku ppropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 10_25-07-2013 hekk kif korretti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 10_25/07/2013*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera dwar it-turf li kien issema fl-aħħar seduta u informa li kiteb lill-ELC u għandu jerġa jibgħat *reminder.* *Turf – Qui Si Sana*

2.2 Is-Sindku irrefera għall-punt li kien issema waqt il-laqgħa dwar noti li jittellgħu fuq il-paġna ta' *facebook*. Is-Sindku fakkar li l-kumitat qiegħed jaħdem dwar il-problemi tal-kostruzzjoni f'Tas-Sliema u mhux xieraq li jittellgħu kummenti meta ma tkunx deċiżjoni tal-Kunsill u ma jixtieqx li tingħata l-impressjoni li l-Kunsill mhux qiegħed jiffunzjona. *Permessi dwar kostruzzjoni*

2.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrferiet għat-tabelli ta' *traffic direction* li kienet semmiet il-Kunsilliera L. Cassar għal Triq Dragut. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għadu se jitranġa l-parkeġġ u se nagħmluh in-naħa l-oħra. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li kien ikun hemm l-inċidenti . Se jiġi ċċirkulat lill-Kunsilliera d-diżin ta' kif se jinbidel. *Triq Dragut*

2.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar it-tappiera fi Triq it-Torri ma Triq Howard. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dik suppost saret bit-*tarmac*. Is-Sindku żied jgħid li hemm trid tiġi llivelata t-triq. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li hemm tappiera oħra x-Xatt quddiem Portopalo li għandha bżonn issir. *Tappieri*

2.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal deċiżjoni tal-Kunsill li kien għamel dwar li jingħalaq ilma f'Ferro Bay. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġa kellem lil *Cleansing Services Department* u għandu jerġa jiċċekkja. *Ilma – Ferro Bay*

2.6 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 7.3 ta' l-aħħar seduta u qal li hemm bżonn isir laqgħa mal-Green Pak. Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bżonn jiġi diskuss ukoll li madwar il-*bring in sites* irid jitnaddaf.

2.7 Il-Kunsilliera L. Cassar infurmat li kellha lmenti dwar il-bżonn ta' knis fi Triq Bisazza.

2.8 Dwar is-*suggestion box* għal *feedback* mill-pubbliku l-Kunsilliera L. Cassar għandha tiltaqa mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet la darba din tiġi implementata importanti l-Kunsill jevalwa kull suġġeriment. Is-Sindku qal li kull suġġeriment jista jiġi evalwat pero sfortunatament mhux kull wieħed jista jiġi milqugħ minħabba riżorsi. Is-Sindku qal li din għandha tkun b'rati eżempju minn 5 l-aktar pożittiv u sal-1 l-inqas. *Feedback mill-pubbliku*

2.9 Kien hemm diskussjoni sħiħa jekk dawn għandhomx ikunu anonimi jew bl-isem ħalli l-Kunsill ikun jista jikkomunika lura magħhom.

2.10 Il-Kunsillier P. Portelli qal li qiegħed jirċievi diversi lmenti li l-pubbliku ma jistax jaqbad bit-telephones. Qal ukoll li meta l-Kunsill jirċievi email mhux qiegħed jibgħat *acknowledgement.*

2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-*authomatic reply* ta' emails kienet qegħda hemm u jrid jiċċekkja li terġa ssir.

2.12 Dwar is-*suggestion box* kien hemm qbil li l-bord li se jevalwa s-suġġerimenti se jkun magħmul mis-Sindku, Il-Kunsilliera L. Cassar, V. Galea Pace u P. Portelli kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv.

2.13 Dwar il-punt tal-Kunsillier Portelli, is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan l-aħħar il-Kunsill kellu l-linji bil-ħsara. Madankollu saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx mal-linji li jibdew jiġu rrekordjati u l-pubbliku jagħżel eżempju 1 permessi, 2 ilmenti eċċ. Kien hemm qbil dwar dan. *Tibdil fis-sistema telefonika*

2.14 Is-Sindku qal li hemm bżonn ukoll li jinbidel is-setup tal-uffiċċju tal-Kunsill.

2.15 Ġie diskuss il-ħinijiet tal-overtime u kien hemm qbil li jinxtara *punch clock* (palm hands).

2.16 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għal punt 7.1 dwar it-Tower Hotel. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ltaqa magħhom u li se jsir, se jsir taħt l-art fil-propjeta tagħhom.

2.17 Is-Sindku informa li l-local plans tal-MEPA se jinbiddlu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkordina laqgħa. Kien hemm qbil ukoll li l-Perit Edward Said jista jgħin biex il-Kunsill jagħmel is-suġġerimenti tiegħu. Kien hemm qbil ukoll li jitħallas Ewro 30 (excl. VAT) għal kull oġġezzjoni li jiktbilna. *Local plans - MEPA*

2.18 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li trid tkun ċara li l-Kunsill jagħmel l-istess attivitajiet ma' kull parroċċa.

3. **APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kont u decizjoni fejn il-Kunsill instab hati wara li persuna garrbet hsarat fil-vettura taghha meta tabella waqat fuq l-istess vettura. Kunsill lmenta dwar is-servizz mghoti mill-avukata precedenti, filwaqt li qabel li dan jithallas.

3.2 Il-Viċi Sindku reġa fakkar dwar it-talba tal-*Jelly Fish net*. Il-Kunsill qabel li jgħin la darba jorganizzaw attivita.

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk il-Kunsill jagħtix fjuri lil kull parroċċa fil-festa. Il-Kunsillier P. Portelli qal li s-sena l-oħra kien hemm qbil li jsir hekk. Madankollu din is-sena l-Kunsill ma ftakarx fil-bidu, allura l-ewwel żewġ festi ma laħqux ħadu u se jingħataw l-aħħar żewġ festi. Il-Kunsill għandu jara li għas-sena d-dieħla jingħataw l-erba parroċċi. *Fjuri għall-parroċċi fil-festa*

3.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar il-pagament Andrew Vassallo Concrete għaliex rat li l-pots huma għaljin ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv sġjega li dawk huma kbar u ingiebu min-barra. Dawn tqeghdu wara konsultazzjoni mal-Kunsilliera V Galea Pace. Il-Viċi Sindku qal li iżjed irid isaqsi dwar il-post li ġew imqeghda. Is-Sindku fakkar li kien hemm *sketch* u l-perit Edward Said issuġġerixxa fejn l-aħjar post li jsiru.

3.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera ghal pagament tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali rigward iż-żebgħa tat-toroq li qegħdin jużaw. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiltaqa mar-rappreżentanti tal-Koperattiva dwar dan. *Żebgħa fit-toroq*

3.6 Il-Kunsilliera M. Aquilina rrimarkat ukoll li dwar iż-żebgħa li jixtri l-Kunsill. Il-Kunsill kellu jġib sample.

3.7 Il-Kunsillier P. Portelli saqsa kif inhi s-sistema li jsir ix-xogħol għaliex wieħed jista jagħmel xogħol mod li jkollu jerġa jsir f'qasi żmien.

3.8 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagament tal-Wasteserv jekk dan ikunx dejjem l-istess. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li iva.

3.9 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagament ta' *Security Services* dwar is-serivzz tal-ġbir tal-flus. Ġie infurmat li dawn se jiġu f'idejn ir-Reġjuni.

3.10 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament ta' David Grech dwar il-materjal li qiegħed jintuża mil-ħaddiema. Il-Kunsill għandu jara dwar dan. Is-Sur Pillow ġab għall-attenzjoni wkoll li l-ħaddiema li kienu mibguta mill-MRRA m'għadhomx jingħataw lill-Kunsill.

*Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier P. Portelli ġew skużati mis-seduta fis-7.35*

3.11 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-kontijiet għal xiri tal bozoz u qiegħed jitlob li meta jintalbu għal bozoz ġodda għandhom jidħlu lura dawk li nqatgħu.

3.12 Il-Kunsilliera irrimarkat dwar il-gaġeg tal-ħamiem u se jsir mis-sitwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħala deċiżjoni għada ma ttieħditx waħda konkreta.

Il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mal Comtec

3.13 Il-Kunsillier J. Pillow reġa rrimarka li ż-żebgħa u *thinner* għadhom fil *utility room* tal-Kunsill u li dawn huma ta' periklu u għandhom jitneħħew minnufih.

3.14 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti għall-approvazzjoni tal-pagamenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Is-Sindku issosspenda l-laqgħa fit-7.45pm. Il-Kunsillier M. Briguglio introduċa lis-Sur James Whitman li għamel proposta dwar *sharrows* għal linji ta' gwida għall-użu ta' bicyles f'Tas-Sliema. *Sharrows- Użu tal bicycles*

4.2 Is-Seduta kompliet fit-8.15pm. Is-Sur J. Whitman għandu jibgħat il-proposta b'email lill-Kunsill u l-Kunsill jiltaqa mat-TM b'din l-istess proposta. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill jista jikkomunika wkoll mal-Kunsill ta' San Giljan u tal-Gżira minħabba l-pereferija.

4.3 Is-Sindku infurma dwar ir-*residents parking* u inqrat l-ittra li t-TM bagħat lill-Kunsill. Il-Ministru għandu jikkuntattja lill-Kunsill għall-appuntament ieħor. Il-Kunsill ġie infurmat li kien diġa ppreżenta studju *draft*. Il-Kunsillier J. Pillow saqsa nistgħux nfittxu minħabba li l-Kunsill kien laħaq ordna t-tabelli. *RPZ*

4.4 Il-Kunsilliera L. Cassar qalgħet li l-Kunsill għandu jibda jara proposti oħra għall-parkeġġ f'Tas-Sliema. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hemm bżonn nindagaw dwar l-abbużi li jingħataw ta' parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilita kif ukoll il-linji ta' quddiem garaxxijiet li ma jintużawx għall-karozzi.

4.5 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk fl-istudji tal-Gvern kienx hemm li r-residenti ġewx ikkonsultati jew le.

4.6 Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret li l-Kunsill kellu jitlob għajnuna lill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li meta kkonsultajnihom il-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta.

4.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien dejjem lest li jisma alternattivi oħra għal *fine tuning* ta' din l-iskema pero l-Gvern għadu ma ħarigx b'soluzzjoni oħra. Jekk għal din l-iskema mhux se tinstab soluzzjoni oħra, Tas-Sliema se tibqa bl-istess problema ta' parkeġġ.

4.8 Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerrixxa li l-Kunsill għandu jiltaqa ma Kunsilli oħra li għandhom l-istess problema. Is-Sindku qal li uffiċċjalment l-iskema għal Tas-Sliema biss hija mwaqqfa permezz ta' *legal notice*. Kunsilli oħra għadhom ma ġewx imwaqqfa legalment. Is-Sindku qal ukoll li għal din raġuni, l-argument tal-Kunsill għadu validu.

4.9 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jistieden lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-laqgħa. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jaqbel li jkunu preżenti iżda jekk ma jkollniex feedback mill-Assoċjazzjoni fi żmien ġimgħatejn imexxu. Kien hemm qbil dwar dan.

4.10 Is-Sindku infurma li hemm xi tibdiliet fit-Trasport Cirkolari numru 110

4.11 Il-Kunsillier P. Portelli informa li l-grupp tal-armar tal-Balluta se jorganizza attivita tal-kunvent fl-14 ta' Settembru 2013. Il-Kunsill qabel li jikkordina din l-attivta diment li l-ispejjez ma jaqbżux l-ammont stipulat għal dawn l-attivitajiet.

4.12 Is-Sindku rrefera għas-sitwazzjoni tal-Berga għaliex ilha ma tinfetaħ għall-ammont ta' granet minħabba nuqqas ta' ftehim bejniethom. Il-Kunsill huwa konċernat dwar in-numru ta' anzjani li qegħdin jiġu għalxejn u ma jinqdewx. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ stqarrija għall-istampa fejn tgħid li l-Kunsill qiegħed jitlob li l-partijiet konċernati jasslu fi ftehim sabiex terġa tinfetaħ il-Berġa sabiex taqdi l-ħtiġijiet għall-anzjani tal-lokal. *Sitwazzjoni tal-Berga*

4.13 Dwar *Traffic Management* fi Triq Amery ma Borg Olivier is-Segretarju Eżekuttiv spjega il-pjanta proposta. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li kif inhi se jiżdied it-traffiku fi Triq Rudolf u ma jaqbilx ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li permezz ta' din il-poroposta il-Kunsill se jkun qiegħed iżid għaxar *parking bays*. Ġie nnotat ukoll li l-iskop tal-proposta hi biex jitnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u jkun hemm safety għal pedestrians. *Traffic Mangament – Triq Amery*

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skużat li jitlaq mis-seduta fid-9pm*

4.14 Il-Viċi Sindku qal li jkun tajjeb li l-Kunsill jiltaqa mal perit li d-diżinja l-proposta għaliex forsi hemm vantaġġi li l-Kunsill mhux qiegħed jarhom qabel ma tittieħed deċiżjoni. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li f'dan l-istadju il-Kunsill għandu jieħu l-parir ta' dan l-istudju. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk din tiġi implementata din se tkun fuq prova ta' tlett xhur. Il-pjanta għandha tiġi ċċirkulata lill-Kunsilliera kollha. Il-Kunsill qabel li għandha ssir bi prova ta' tlett xhur u tintbagħat lit-TM.

## 5. SEJĦA GĦALL-IMPJEGAT/A ĠDID/A

5.1 Il-Kunsill qabel li għandu jibda l-proċess għal impjegat/a fil-Kunsill. Ġie nnotat li l-Kunsill qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja tajba li jimpjega. Ix-xogħol baziku se jkun għat *telephone handling, compliants u customer care* u xogħol ieħor klerikali.

## 6. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

6.1 Il-Viċi Sindku informa dwar is-servizz ta' emerġenza tal-knis. Qal ukoll li ġiet finalizzata l-iskeda kif se jinkinsu t-toroq. Kull triq issir darba fil-ġimgħa.

6.2 Il-Viċi Sindku ippropona li mat-tabelli li leħqu twaħħlu għal RPZ il-Kunsill jista jwaħħal notices bil-ħinijiet tal-garbage li jkunu ftit aktar attraenti mhux biss *warning* u istruzzjonjiet. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsillier P. Radmilli qal li dawn jistgħu jitwaħħlu propju f'postijiet li jkun hemm bżonn. Eżempju fejn djar abbandunati.

*Notices dwar ħinijiet għall-ġbir ta' skar*

6.3 Għandu jiġi ppreperat id-diżin u t-text.

6.4 Is-Sindku tkellem dwar *sampling* tal-baħar u fejn jistgħu jgħumu l-klieb. Kien hemm qbil li għas-sena d-dieħla naħsbu li jkun hemm xi ħaġa biex il-kelb ikun jista jiggranfa biex jitla mil-baħar.

6.5 Kien hemm qbil li l-laqgħa tal-MEPA dwar il-*local plans* ssir fl-4 ta' Settembru 2013 fil-5pm.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa ntemmet fid-21.30 u l-Kunsill aġġorna għal nhar l-Erbgħa 4 ta' Settembru 2013 fis-6pm għal suġġerimenti mil-Kunsilliera.

Minuti approvati llum 26/09/2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**